Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Awwissu 2022**
**(OR. en)**

**11904/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0251(NLE)**

**FISC 169**
**ECOFIN 811**
**ENER 404**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Awwissu 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 408 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta’ dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f’konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 408 final.

Mehmuż: COM(2022) 408 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.8.2022
COM(2022) 408 final

2022/0251 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku fl-Unjoni Ewropea hija rregolata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1] (id-"Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija" jew id-"Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Il-Portugall qiegħed ifittex awtorizzazzjoni biex japplika tnaqqis temporanju tar-rati tat-taxxa nazzjonali għaż-żejt tal-gass u għall-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni[2], taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva.

Il-perjodu ta' validità mitlub se jdum sal-31 ta' Diċembru 2022, li huwa fi ħdan il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Mejju 2022, l-awtoritajiet Portugiżi infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw il-miżura temporanja. Ġiet ipprovduta informazzjoni addizzjonali fil-11 u fit-23 ta' Mejju 2022, u fit-8 ta' Ġunju 2022.

Skont l-awtoritajiet Portugiżi, l-għan tal-miżura huwa li timmitiga l-prezzijiet bl-imnut għoljin tal-fjuwil assoċjati mal-konsum tal-fjuwils tal-magni[3], li jirriżultaw mill-iżviluppi ġeopolitiċi attwali, u li jaffettwaw direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

Fir-rigward tal-prezzijiet tal-enerġija u x-xejra tagħhom, skont iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Portugiżi, mill-bidu tas-sena, il-prezzijiet (qabel it-taxxi) żdiedu sostanzjalment għaż-żejt tal-gass, u għall-aktar tip ikkunsmat ta' petrol bla ċomb (*gasolina 95*)[4].

It-tabella ta' hawn taħt ipprovduta mill-awtoritajiet Portugiżi turi l-prezzijiet bl-imnut medji fi tmiem ix-xahar, flimkien mal-komponenti tal-prezz għal kull xahar minn Jannar sa Mejju 2022.

---

1 ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51–70.
2 Iż-żejt tal-gass, kodiċijiet NM 2710 19 43 sa 2710 19 48, u l-petrol bla ċomb, kodiċijiet NM 2710 12 41, 2710 12 45 u 2710 12 49.
3 Fil-Portugall, hemm 6,4 miljun persuna li għandhom liċenzja tas-sewqan.
4 Tqabbil li sar permezz tad-DGEG (*Direção Geral de Energia e Geologia*), mill-21 ta' Frar 2022 sat-30 ta' Mejju 2022.

| | | | | | | | Taxxi | | | | EUR /Litri |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Prodott | Data | CIF | Ħatt u ħżin | Inkorporazzjoni tal-bijofjuwil | Marġini gross | Prezz Qabel it-Taxxi | ISP | CO2 | CSR | VAT | Prezz tal-Bejgħ bl-Imnut (PVP) |
| Gass taż-Żejt | 31-01-2022 | 0,619 | 0,006 | 0,112 | 0,071 | 0,807 | 0,333 | 0,059 | 0,111 | 0,301 | 1,612 |
| | 28-02-2022 | 0,647 | 0,006 | 0,111 | 0,094 | 0,858 | 0,333 | 0,059 | 0,111 | 0,313 | 1,675 |
| | 28-03-2022 | 0,982 | 0,006 | 0,069 | 0,099 | 1,156 | 0,296 | 0,059 | 0,111 | 0,373 | 1,995 |
| | 25-04-2022 | 0,915 | 0,006 | 0,069 | 0,110 | 1,099 | 0,296 | 0,059 | 0,111 | 0,360 | 1,926 |
| | 30-05-2022 | 0,945 | 0,006 | 0,104 | 0,061 | 1,116 | 0,168 | 0,059 | 0,111 | 0,335 | 1,789 |
| Petrol bla ċomb | 31-01-2022 | 0,580 | 0,006 | 0,108 | 0,087 | 0,781 | 0,507 | 0,054 | 0,087 | 0,329 | 1,758 |
| | 28-02-2022 | 0,633 | 0,006 | 0,106 | 0,096 | 0,841 | 0,507 | 0,054 | 0,087 | 0,343 | 1,832 |
| | 28-03-2022 | 0,810 | 0,006 | 0,066 | 0,134 | 1,016 | 0,490 | 0,054 | 0,087 | 0,379 | 2,027 |
| | 25-04-2022 | 0,780 | 0,006 | 0,075 | 0,113 | 0,974 | 0,490 | 0,054 | 0,087 | 0,369 | 1,975 |
| | 30-05-2022 | 1,012 | 0,006 | 0,104 | 0,081 | 1,203 | 0,331 | 0,054 | 0,087 | 0,384 | 2,055 |

Skont il-Portugall, id-dazju tas-sisa jidher li huwa l-uniku komponent tal-prezz li fuqu huwa possibbli li jsir intervent biex jitnaqqsu l-prezzijiet bl-imnut fit-terminu qasir. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, id-deroga hija meħtieġa sabiex tiġi rrimedjata ż-żieda qawwija attwali fil-prezzijiet tal-enerġija fil-Portugall.

Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Portugiżi, mhuwiex possibbli li jitnaqqsu l-**ewwel żewġ komponenti tal-prezz** fit-tabella ta' hawn fuq (jiġifieri *il-prezzijiet internazzjonali għad-derivattivi tal-brent u taż-żejt (CIF)*, u *l-kostijiet tal-ħatt u tal-ħżin*) minħabba li dawn jiġu ddeterminati mill-forzi kompetittivi tal-provvista u tad-domanda fis-swieq internazzjonali.

Fir-rigward tat-**tielet komponent tal-prezz** fit-tabella ta' hawn fuq (*kostijiet tal-inkorporazzjoni tal-bijofjuwils*)[5], skont l-awtoritajiet Portugiżi, tnaqqis jew sospensjoni tal-miri tal-inkorporazzjoni tal-bijofjuwils ikollhom l-impatti negattivi li ġejjin:

(i) in-nuqqas ta' lħuq tal-miri rilevanti tal-RED II[6] (u b'hekk jiżdiedu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra billi jiżdied il-komponent fossili fil-fjuwils);

(ii) issir ħsara lill-industrija tal-bijofjuwils u lill-industrija tal-produzzjoni tal-għalf tal-annimali; u

(iii) ikun hemm żieda fid-dipendenza fuq l-enerġija minħabba użu akbar ta' fjuwils fossili importati.

Għalhekk, fil-fehma tal-Portugall, ma jidhirx raġonevoli jew xieraq li l-miri tal-inkorporazzjoni tal-bijofjuwils jinbidlu, speċjalment għad-diżil. Barra minn hekk, il-piż tal-inkorporazzjoni tal-bijofjuwils fil-PVP[7] tal-fjuwils (petrol u diżil) huwa inqas minn 4 %[8].

Fir-rigward tar-**raba' komponent tal-prezz** fit-tabella ta' hawn fuq (*marġni gross*), flimkien ma' miżuri ta' politika oħrajn, il-gvern Portugiż u r-regolatur nazzjonali tal-enerġija diġà implimentaw monitoraġġ perjodiku u divulgazzjoni pubblika tax-xejriet tal-prezzijiet, b'mod partikolari fid-dawl ta' tnaqqis fid-dazju tas-sisa, biex jiġi vverifikat jekk il-bejjiegħa tal-fjuwil humiex qed jgħaddu t-tnaqqis sħiħ lill-konsumaturi finali. Mill-1 ta' Ġunju 2022 'il quddiem, dawn implimentaw ukoll mekkaniżmu biex jillimitaw il-marġnijiet kummerċjali, wara proposta tar-regolatur, kull meta dawn il-marġnijiet ikunu ogħla minn livelli effiċjenti jew minn marġnijiet storiċi.

5 Fil-livell nazzjonali, id-Digriet Liġi 117/2010 tat-2 ta' Ottubru 2010, fil-formolazzjoni tal-kliem attwali tiegħu, jistabbilixxi mira ta' inkorporazzjoni mandatorja għall-bijofjuwils ta' 11 %.

6 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82) (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli II).

7 *Preço de Venda ao Público* (il-prezz bl-imnut).

8 Skont id-*data* mill-aħħar bullettin tas-suq tal-fjuwil ippubblikat mill-*Entidade Reguladora dos Serviços Energéticos*.

Fl-aħħar nett, il-Gvern bħalissa qiegħed inaqqas id-**dazju tas-sisa**[9] b'"mod flessibbli", abbażi tal-imġiba tas-suq u l-prezzijiet tal-fjuwil. Dan jista' jirriżulta f'rati tat-taxxa aktar baxxi mir-rati minimi stabbiliti fil-livell tal-UE. Dan il-mekkaniżmu, fil-forma ta' "rati yo-yo", għandu l-għan sostanzjali li jiġġieled kontra l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-konsumatur[10].

Barra minn hekk, f'dak il-kuntest, il-marġnijiet grossi, b'mod partikolari dwar iż-żejt tal-gass, huma inadegwati meta jitqiesu l-livelli minimi ta' tassazzjoni tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-awtoritajiet Portugiżi jqisu li, minħabba ċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi attwali, is-sistema prevista fl-Artikolu 19 tad-Direttiva trid tiġi applikata biex tippermetti tnaqqis fit-taxxa taħt il-valuri minimi stabbiliti fid-Direttiva.

Jekk, pereżempju (abbażi tax-xejriet tal-prezzijiet osservati sa issa), il-prezzijiet (qabel it-taxxi) jiżdiedu b'35 % għaż-żejt tal-gass u b'50 % għall-petrol bla ċomb, permezz tar-rata flessibbli msemmija hawn fuq, il-Portugall ikollu jnaqqas il-livell ta' tassazzjoni għal EUR 278/1 000 litru għaż-żejt tal-gass u għal EUR 357/1 000 litru għall-petrol bla ċomb. Din taqa' taħt ir-rati minimi stabbiliti fid-Direttiva.

Minħabba l-livell attwali ta' inċertezza u l-varjabbli tas-suq, l-awtoritajiet Portugiżi ma jistgħux jagħmlu stima tal-prezzijiet għas-sitt xhur li ġejjin. Abbażi tas-suppożizzjonijiet taż-żieda fil-prezzijiet imsemmija qabel, dawn inaqqsu r-rata tat-taxxa għaż-żejt tal-gass għal EUR 270/1 000 litru u għall-petrol bla ċomb għal EUR 350/1 000 litru. Iż-żewġ rati jaqgħu taħt il-valuri minimi stabbiliti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva, ta' EUR 330/1 000 litru u EUR 359/1 000 litru rispettivament.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-istimi pprovduti mill-awtoritajiet Portugiżi.

**Xenarji ipotetiċi**

| Prodott | Data | Varjazzjoni ta' kull xahar | Prezz Qabel it-Taxxi | ISP | CO2 | CSR | VAT | PVP |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gass taż-Żejt | 30-06-2022 | 35% | 1,506 | 0,122 | 0,054 | 0,087 | 0,407 | 2,176 |
| | 31-07-2022 | -10% | 1,356 | 0,121 | 0,059 | 0,111 | 0,379 | 2,026 |
| | 31-08-2022 | -10% | 1,220 | 0,146 | 0,059 | 0,111 | 0,353 | 1,890 |
| | 30-09-2022 | -10% | 1,098 | 0,169 | 0,059 | 0,111 | 0,331 | 1,768 |
| | 31-10-2022 | -10% | 0,988 | 0,190 | 0,059 | 0,111 | 0,310 | 1,658 |
| Petrol bla Ċomb | 30-06-2022 | 50% | 1,804 | 0,210 | 0,054 | 0,087 | 0,496 | 2,652 |
| | 31-07-2022 | -10% | 1,624 | 0,244 | 0,054 | 0,087 | 0,462 | 2,471 |
| | 31-08-2022 | -10% | 1,461 | 0,274 | 0,054 | 0,087 | 0,432 | 2,309 |
| | 30-09-2022 | -10% | 1,315 | 0,302 | 0,054 | 0,087 | 0,404 | 2,163 |
| | 31-10-2022 | -10% | 1,184 | 0,326 | 0,054 | 0,087 | 0,380 | 2,031 |

| Rata tal-VAT | Piż Fiskali Fiss | |
|---|---|---|
| 23% | 0,670 | Gass taż-Żejt |
| 23% | 0,848 | Petrol bla Ċomb |

Finalment, kif enfażizzat mill-awtoritajiet Portugiżi, il-prodotti tal-enerġija mhux se jkunu intaxxati b'mod differenti skont il-post tal-kwartieri ġenerali jew skont in-nazzjonalità tal-fornitur jew tal-konsumatur, u kwalunkwe konsumatur jista' jkollu aċċess għal dan it-tip ta' prodotti.

L-impatt tal-baġit ma jistax jiġi kkwantifikat f'dan l-istadju peress li se jiddependi fuq il-prezzijiet tal-fjuwil.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva jaqra kif ġej:

---

9 Imsemmija fit-tabella ta' hawn fuq bħala ISP (*Imposto sobre os Produtos Petrolíferos*), $CO_2$ u CSR (*Contribuição de Serviço Rodoviàrio*).

10 Ir-reviżjoni ta' kull ġimgħa tad-dazji tas-sisa tikkonsisti fi tnaqqis b'ammont meqjus ekwivalenti għal tnaqqis teoretiku tar-rata tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq il-fjuwil għat-triq minn 23 % (rata normali) għal 13 % (rata mnaqqsa ogħla), li fl-aħħar mill-aħħar jirritorna l-ammont straordinarju tal-VAT miġbura minħabba ż-żieda fil-prezz tas-suq tal-prodotti kkonċernati.

"Flimkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikoli 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi."

Permezz tat-tnaqqis tat-taxxa mitlub, li għandu jiġi applikat għal perjodu ta' żmien limitat, l-awtoritajiet Portugiżi beħsiebhom jimmitigaw il-prezzijiet bl-imnut eċċezzjonalment għoljin tal-fjuwils, u fl-aħħar mill-aħħar inaqqsu l-impatti soċjali u ekonomiċi tas-sitwazzjoni ġeopolitika eċċezzjonali attwali li taffettwa kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

It-tnaqqis fit-taxxa jippermetti li l-benefiċjarji jintalbu jħallsu rati nazzjonali tad-dazju tas-sisa, li jistgħu jaqgħu taħt ir-rati minimi tat-taxxa tal-UE previsti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Fis-sitwazzjoni ġeopolitika eċċezzjonali attwali, dan ikun ta' rilevanza għall-kunsiderazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni soċjali. Madankollu, abbażi tal-mekkaniżmu msemmi hawn fuq, it-tnaqqis tad-dazju tas-sisa jiddependi fuq il-prezzijiet rilevanti tal-fjuwil.

Il-possibbiltà li jiġi introdott tali tnaqqis fit-taxxa tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-iskop tagħha huwa li tippermetti lill-Istati Membri jintroduċu eżenzjonijiet jew tnaqqis ulterjuri għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika.

Il-perjodu limitat ta' validità tal-awtorizzazzjoni, sal-31 ta' Diċembru 2022, huwa fi ħdan il-perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, li jistabbilixxi, għal dan it-tip ta' miżura, perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid.

Madankollu, id-deroga ma għandhiex timmina l-adozzjoni futura mill-Kunsill ta' att legali bbażat fuq proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija[11].

*Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat*

It-tnaqqis temporanju fit-taxxa previst mill-awtoritajiet Portugiżi jista' jaqa' taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva u fit-Tabella A tal-Anness I tad-Direttiva.

Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni tal-miżura Portugiża skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ma tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Kull talba għal deroga skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija trid tiġi eżaminata mill-Kummissjoni li għandha tqis it-tħaddim tajjeb tas-suq intern, il-bżonn li tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta u l-politiki tal-UE tas-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.

Skont l-awtoritajiet Portugiżi, it-tnaqqis previst fit-taxxa għandu jtaffi parzjalment il-piż soċjali u ekonomiku tal-popolazzjoni Portugiża minħabba ż-żieda riċenti fil-prezz li tirriżulta wkoll mill-kunflitt fl-Ukrajna. Fil-fatt, is-sitwazzjoni ġeopolitika partikolari flimkien ma'

[11] Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni), 14.7.2021, 563 final 2021/0213 (CNS).

prezz tas-suq għoli taż-żejt mhux magħdum, li x'aktarx se jkompli jiżdied fix-xhur li ġejjin, tirriżulta f'kostijiet ogħla għall-unitajiet domestiċi u n-negozji Portugiżi.

Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, il-miżura temporanja mitluba x'aktarx li ma taffettwax il-kummerċ intra-UE. Minħabba l-effetti limitati u d-durata limitata tagħha, il-miżura ma għandhiex ixxekkel il-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

Kif issottolinjat fil-Komunikazzjoni RePowerEU[12], filwaqt li tagħmel enfasi fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji vulnerabbli, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jinċentivaw l-iffrankar tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-fjuwils fossili. Madankollu, minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezz tas-suq eċċezzjonalment għoli taż-żejt, id-deroga mitluba tidher adegwata u proporzjonata. Il-miżura tqis ukoll il-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-objettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-UE bl-emerġenza imperattiva li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklużiva, bħala kwistjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi iżjed eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġiżlattiv, ma għandux jiġi trażmess lill-parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal rieżami ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jeċċedix dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv inkwistjoni.

L-awtorizzazzjoni mitluba hija għal perjodu ta' żmien limitat, sal-31 ta' Diċembru 2022.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE jipprevedi din it-tip ta' miżura biss.

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli* (COM(2022) 108 final, 8.3.2022).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma tirrikjedix l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula mill-Portugall u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma tirrikjedix valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tipprevedix simplifikazzjoni. Din hija r-riżultat ta' talba li għamel il-Portugall u tikkonċerna lil dan l-Istat Membru biss.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma timponi ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma hemm bżonn ta' ebda pjan ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija pprovduta għal perjodu ta' żmien limitat. Ir-rati tat-taxxa applikabbli jistgħu jaqgħu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jkun hemm talba għal tiġdid wara li l-perjodu tal-validità jkun skada.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma tirrikjedix dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi li l-Portugall se jitħalla japplika rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba tingħata sal-31 ta' Diċembru 2022, kif mitlub mill-Portugall, fi ħdan il-perjodu massimu ta' sitt snin permess mid-Direttiva.

2022/0251 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Mejju 2022, il-Portugall talab awtorizzazzjoni biex japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, li jistgħu jaqgħu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva. Aktar informazzjoni u kjarifiki b'appoġġ għat-talba ġew ipprovduti mill-awtoritajiet Portugiżi fil-11 u fit-23 ta' Mejju 2022, kif ukoll fit-8 ta' Ġunju 2022. L-awtorizzazzjoni ntalbet li tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.

(2) Skont l-awtoritajiet Portugiżi, l-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa mnaqqsa għandha l-għan li timmitiga l-impatti soċjali u ekonomiċi ta' prezzijiet bl-imnut għoljin tal-fjuwils li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika, u li jaffettwaw direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji. Din il-miżura għandha l-għan li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' kuljum assoċjati mal-konsum tal-fjuwils tal-magni, billi tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-impatt taż-żieda fil-prezzijiet bl-imnut.

(3) L-awtorizzazzjoni mitluba x'aktarx li ma xxekkilx il-kompetizzjoni jew tfixkel il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Minħabba d-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezzijiet tas-suq eċċezzjonalment għoljin taż-żejt mhux maħdum, l-awtorizzazzjoni mitluba titqies bħala adegwata u proporzjonata. L-awtorizzazzjoni tibbilanċja l-objettivi ta' politika speċifiċi msemmija fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, bl-emerġenza imperattiva li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi. It-tnaqqis fit-taxxa jikkumpensa parzjalment iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u mhuwiex kumulattiv ma' xi tip ieħor ta' tnaqqis fit-taxxa.

(4) Il-Portugall jenħtieġ li għalhekk jiġi awtorizzat japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, kif mitlub.

[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

(5) Skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dik id-dispożizzjoni għandu jkollha żmien strettament limitat. Madankollu, biex ma jiddgħajfux l-iżviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi stabbilit li, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni tieqaf tapplika fil-jum li fih dawk ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.

(6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Portugall huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, taħt il-livelli minimi rilevanti ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2022.

Madankollu, jekk il-Kunsill li jkun qed jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx ġiet adattata, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih dawk ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Portugall.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*